

V

(Avviżi)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5230 — CapMan/Litorina/Cederroth)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 170/09)

1. Fl-24 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li biha l-impriża CapMan (l-Iżvezja) u Litorina Kapital III LP (Litorina, l-Iżvezja) akkwistaw fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll konġunt ta' Cederroth Internatinal AB ("Cederroth", l-Iżvezja) permezz ta' xiri ta'ishma.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal Capman: kumpannija privata ta' l-investiment ta' l-ekwiżità *inter alia* permezz ta' Lumene u Farnos li huma involuti fis-settur tal-prodotti kożmetiċi,

— għal Litorina: investiment f'ekwiżità privata,

— għal Cederroth: il-manifatturar u distribuzzjoni ta' prodotti għall-kura personali (kożmetiċi u prodotti iġġenji), prodotti ta' kura fid-dar, prodotti għall-kura tas-saħħa, prodotti għall-kura tal-feriti u prodotti mediċi ta' l-ewwel għajnuna.

3. Fuq analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħharja dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5230 — CapMan/Litorina/Cederroth, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru għall-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

(¹) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.